VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,525, 22 ta' Jannar, 2016
Taqsima B

A.L. 30 tal-2016

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Naturali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Naturali, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Naturali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 545.12

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "operatur tas-sistema ta' LNG" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "operatur tas-sistema ta' trasmissjoni" tfisser il-persuna naturali jew legali li twettaq il-funzjoni tat-trasmissjoni u li hija responsabbli għall-operazzjoni, bl-aċċertazzjoni tal-manutenzjoni ta', u fejn meħtieġ, tal-iżvilupp tas-sistema ta' trasmissjoni f'żona definita u, fejn japplika, l-interkonnessjonijiet tagħha ma' sistemi oħrajn, u li tiżgura l-kapaċità fit-tul tas-sistema li tilħaq talbiet raġonevoli għat-trasportazzjoni tal-gass;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "suq emerġenti" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "trasmissjoni" tfisser it-trasport tal-gass naturali minn *network* li fih prinċipalment *pipelines* ta' pressa għolja li mhix *upstream pipeline network* u li mhix il-parti tal-*pipelines* bi pressa għolja użati primarjament fil-kuntest tad-distribuzzjoni lokali tal-gass naturali, bi skop li jiġi konsenjat lill-klijent, iżda li ma jinkludix il-fornitura;".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "L-Istati Membri għandhom jiżguraw" għandhom jidħlu l-kliem "Il-provditur tal-gass għandu jiżgura"; u minflok il-kliem "Ir-Regolatur għandu jiżgura" għandhom jidħlu l-kliem "Il-provditur tal-gass għandu jiżgura"; u

(b) minnufih wara s-subregolament (5) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(6) Sabiex jiġi promoss l-użu effiċjenti tal-enerġija, ir-Regolatur għandu jirrakkomanda b'mod qawwi li l-intrapriżi tal-gass naturali jtejbu kemm jistgħu l-użu tal-gass, per eżempju billi jipprovdu servizzi ta' ġestjoni tal-enerġija, jiżviluppaw formuli innovattivi tal-prezzijiet jew jintroduċu sistemi ta' *meters* intelliġenti jew netwerks intelliġenti fejn ikun jixraq.

(7) Ir-Regolatur għandu jipprovdi punt waħdieni ta' kuntatt sabiex il-konsumaturi jingħataw l-informazzjoni kollha neċessarja fir-rigward tad-drittijiet tagħhom, tal-leġislazzjoni attwali u tal-mezzi ta' soluzzjoni tat-tilwimiet disponibbli għalihom f'każ ta' tilwim. Dan il-punt ta' kuntatt jista' jkun parti minn punti ta' informazzjoni ġenerali għall-konsumaturi.

(8) Ir-Regolatur għandu jwettaq il-funzjoni ta' ombudsman tal-enerġija sabiex jiġi żgurat it-trattament effiċjenti tat-tilwimiet u għas-soluzzjoni tat-tilwimiet barra l-qrati.

(9) Meta klijent domestiku jitlob lill-provditur tal-gass naturali tiegħu biex jgħaddi id-*data* ta' konsum storiku tiegħu u, jew in-numru tal-istallazzjoni tal-fond jew lill-klijent domestiku jew lill-provditur ieħor tal-gass naturali jew lil kull parti terza oħra, il-provditur tal-gass naturali għandu jikkonforma ruħu ma' dik it-talba mingħajr ħlas kemm jista' jkun malajr malli jkun raġonevolment prattikabbli:

Iżda l-klijent irid ikun jew diġà esprima l-kunsens tiegħu fil-kuntratt mal-provditur (mal-firma) li tawtorizza lill-provditur tal-gass naturali biex jipprovdi aċċess lill-provdituri oħra tal-gass naturali jew lill-provdituri ta' servizzi ta' enerġija jew partijiet terzi għad-

VERŻJONI ELETTRONIKA

data tiegħu ta' konsum storiku jew jipprovdi tali kunsens bil-miktub u ffirmat meta jissottometti t-talba għall-aċċess li għandha tingħata għad-*data* tiegħu.

Għall-għanijiet ta' dan is-subregolament "*data* ta' konsum storiku" tfisser:

(a) ħlief meta klijent domestiku jkun żamm il-kuntratt tiegħu għal inqas minn tnax-il xahar, il-kwantità ta' gass naturali provdut lill-fond tal-klijent domestiku matul it-tnax-il xahar ta' qabel; jew

(b) fejn il-klijent domestiku jkun żamm il-kuntratt tiegħu għal inqas minn tnax-il xahar, il-kwantità ta' gass naturali provdut lill-fond tal-klijent domestiku matul il-perjodu tal-kuntratt.".

Jissostitwixxi r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Kunfidenzjalità għall-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u propjetarji tas-sistemi ta' trasmissjoni.

14. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 20 jew kull obbligu legali ieħor għall-iżvelar ta' informazzjoni, kull operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, ħżin u, jew LNG, u proprjetarji tas-sistema ta' trasmissjoni għandhom iżommu l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba matul it-twettiq tal-attivitajiet tagħhom, u għandhom jipprevjenu li informazzjoni dwar l-attivitajiet proprji tagħhom li tista' tkun kummerċjalment vantaġġuża tiġi żvelata b'mod diskriminatorju, u b'mod partikolari m'għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni kummerċjalment sensittiva lill-partijiet l-oħra tal-intrapriża, ħlief jekk dan ikun meħtieġ għat-twettiq ta' transazzjoni ta' negozju.

Sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mar-regoli dwar is-separazzjoni tal-informazzjoni, il-proprjetarju tas-sistema tat-trasmissjoni, ukoll fil-każ ta' operatur magħqud, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, u l-parti l-oħra li jifdal tal-intrapriża ma għandhomx jużax servizzi konġunti, bħas-servizzi legali konġunti, minbarra funzjonijiet purament amministrattivi jew tal-IT.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) L-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni, tal-ħżin u, jew tal-LNG m'għandhomx, fil-kuntest ta' bejgħ jew xiri tal-gass naturali minn intrapriża relatata, jużaw skorrettament informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba minn terzi fil-kuntest tal-għoti jew tan-negozjar tal-aċċess għas-sistema. L-informazzjoni meħtieġa għall-kompetizzjoni effettiva u t-tħaddim effiċjenti tas-suq għandha ssir pubblika:

Iżda dan l-obbligu huwa bla ħsara għall-ħarsien ta' informazzjoni kummerċjalment sensittivaIżda dan l-obbligu huwa bla ħsara għall-ħarsien ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih wara r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Kompiti tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, tal-ħżin u, jew tal-LNG.

14A. (1) Kull operatur tas-sistema ta' trasmissjoni, tal-ħżin u, jew tal-LNG għandu:

(a) jopera, jagħti manutenzjoni u jiżviluppa taħt kondizzjonijiet ekonomiċi, it-trasmissjoni, il-ħżin u, jew il-faċilitajiet tal-LNG siguri, affidabbli u effiċjenti biex jiġi żgurat suq miftuħ, meta jitqies l-ambjent, u jiżgura li jkun hemm mezzi adegwati biex jiġu ssodisfati l-obbligi tas-servizz;

(b) iżomm lura milli jiddiskrimina bejn utenti tas-sistema jew klassijiet ta' utenti tas-sistema, b'mod partikolari favur l-intrapriżi relatati tiegħu;

(ċ) jagħti lil kull operatur ieħor tas-sistema ta' trasmissjoni, operatur ieħor tas-sistema tal-ħżin, operatur ieħor tas-sistema tal-LNG u, jew kull operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni, biżżejjed informazzjoni sabiex jaċċerta li t-trasport u l-ħżin tal-gass naturali jistgħu jsiru b'mod kompatibbli mal-operat sigur u effiċjenti tas-sistema interkonnessa; u

(d) jagħti lill-utenti tas-sistema l-informazzjoni li jeħtieġu għall-aċċess effiċjenti għas-sistema.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Kull operatur ta' sistema ta' trasmissjoni għandu jibni l-kapaċità transkonfinali suffiċjenti biex tiġi integrata l-infrastruttura ta' trasmissjoni Ewropea li takkomoda t-talbiet kollha għall-kapaċità li jkunu ekonomikament raġonevoli u teknikament fattibbli u filwaqt li titqies is-sigurtà tal-provvista tal-gass.

(3) Ir-regoli adottati mill-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni biex jibbilanċjaw is-sistemi ta' trasmissjoni tal-gass għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji, inklużi regoli għat-tariffi għall-utenti tas-sistema tan-*networks* tagħhom għall-iskwilibrju tal-enerġija. It-termini u l-kondizzjonijiet, inklużi regoli u tariffi, għall-fornitura ta' dawn is-servizzi minn operaturi tas-sistemi tat-trasmissjoni għandhom jiġu stabbiliti skont metodoloġija kompatibbli mar-regolament 29(4) b'mod mhux diskriminatorju u li jirrifletti l-ispejjeż u għandhom jiġu ppubblikati.

(4) Ir-Regolatur jista' jeħtieġ li l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni josservaw *standards* minimi għall-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistema ta' trasmissjoni, inkluża l-kapaċità tal-interkonnessjoni.

(5) Operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni għandhom jipprokuraw l-enerġija li jużaw għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom skont proċeduri bbażati fuq is-suq li huma trasparenti u mhux diskriminatorji.".

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

6. Is-subregolament (3) tar-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) L-intrapriżi tal-gass naturali għandhom, fil-kontijiet interni tagħhom, iżommu kontijiet separati għal kull waħda mill-attivitajiet tagħhom tat-trasmissjoni, tad-distribuzzjoni, tal-LNG u tal-ħżin kif ikunu meħtieġa li jagħmlu kieku l-attivitajiet inkwistjoni kellhom jitwettqu minn intrapriżi separati, bl-iskop li jiġu evitati d-diskriminazzjoni, is-sussidji inkroċati u d-distorzjoni tal-kompetizzjoni. L-intrapriżi tal-gass naturali għandhom ukoll iżommu kontijiet, li jistgħu jkunu konsolidati, għal attivitajiet oħrajn tal-gass li ma jirrelatawx mat-trasmissjoni, distribuzzjoni, LNG u ħżin. L-introjtu minn proprjetà tan-*network* tat-trasmissjoni jew tad-distribuzzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandu jiġi speċifikat fil-kontijiet. Fejn xieraq, l-intrapriżi tal-gass naturali għandhom iżommu kontijiet konsolidati għal attivitajiet oħrajn mhux tal-gass. Il-kontijiet interni għandhom jinkludu karta tal-bilanċ u kont ta' qligħ u telf għal kull attività.".

Jissostitwixxi r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Aċċess għall-ħżin.

23. (1) Is-sid ta' faċilità ta' ħażna għandu jippubblika mill-inqas darba kull sena l-kondizzjonijiet kummerċjali ewlenin relatati mal-użu tal-ħażna u l-għotja lil persuna oħra ta' dritt li jkollhom il-gass maħżun fil-faċilità f'isem dik il-persuna. L-operatur tas-sistema ta' ħażna għandu jippubblika kwalunkwe tibdil fil-kondizzjonijiet ippubblikati hekk kif dawn isiru effettivi.

(2) Is-sid ta' faċilità rilevanti għandu jiżgura li l-kondizzjonijiet li huwa meħtieġ li jippubblika skont is-subregolament (1) ma jiddiskriminawx kontra kwalunkwe applikanti jew deskrizzjoni ta' applikanti, jew kwalunkwe applikanti potenzjali jew deskrizzjoni ta' applikanti potenzjali, għad-dritt li jkollhom gass maħżun fil-faċilità.

(3) Kull persuna li titlob id-dritt li jkollha gass maħżun f'isimha fil-faċilità tal-gass għandha tippreżenta applikazzjoni lill-proprjetarju ta' dik il-faċilità billi tispeċifika dak li qegħda titlob.

(4) L-applikazzjoni għandha, b'mod partikolari, tispeċifika:

(a) il-perjodu li matulu l-gass għandu jinħażen fil-faċilità;

(b) it-tip ta' gass li għandu jkun maħżun (li għandu jkun ta', jew simili għal, it-tip ta' faċilità li hija maħsuba biex taħżnu); u

(ċ) il-kwantitajiet ta' gass li se jkunu maħżuna.

(5) L-applikant u l-proprjetarju tal-faċilità tal-gass għandhom jinnegozjaw *in bona fede* u jagħmlu ħilithom biex jilħqu ftehim dwar l-applikazzjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(6) Jekk is-sid u l-applikant ma jilħqu l-ebda ftehim bħal dan, l-applikant jista' japplika mar-Regolatur għal ordnijiet taħt is-subregolament (8) li għandhom jiżguraw li l-applikant ikollu d-dritt li jkollu l-gass maħżun f'ismu:

Iżda r-Regolatur ma għandux jikkunsidra applikazzjoni jekk ma jkunx sodisfatt li l-partijiet kellhom żmien raġonevoli sabiex jinnegozjaw skont is-subregolament (5).

(7) Meta persuna tapplika mar-Regolatur skont is-subregolament (6) u r-Regolatur ikun sodisfatt hekk kif imsemmi fis-subregolament (6), ir-Regolatur għandu:

(a) jiddeċiedi jekk l-applikazzjoni għandhiex tiġi aġġornata (sabiex ikun hemm lok biex iseħħu iktar negozjati), jew tiġi kkunsidrata aktar jew rifjutata;

(b) jagħti avviż tad-deċiżjoni tiegħu lill-applikant; u

(ċ) fil-każ ta' deċiżjoni li l-applikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata aktar, jagħti lis-sid tal-faċilità avviż li l-applikazzjoni għandha tiġi hekk kkunsidrata u opportunità li jinstema' dwar il-kwistjoni.

(8) Fejn, wara li jkun ikkunsidra applikazzjoni taħt is-subregolament (6), ir-Regolatur ikun sodisfatt li l-għoti ta' ordnijiet taħt dan is-subregolament ma jippreġudikax l-operat effiċjenti tal-faċilità, jew il-ħażna fil-faċilità ta' -

(a) il-kwantitajiet ta' gass li s-sid tal-faċilità jeħtieġ jew jista' jkun raġonevolment mistenni li jirrikjedi sabiex jiġu maħżuna fil-faċilità, u

(b) il-kwantitajiet ta' gass li kull persuna li għandha dritt li jkollha l-gass maħżun fil-faċilità tkun intitolata li teħtieġ li jiġu hekk maħżuna fl-eżerċizzju ta' dan id-dritt,

ir-Regolatur jista' jagħti dawk l-ordnijiet lill-proprjetarju tal-faċilità.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(9) Ordnijiet skont is-subregolament (8) jistgħu -

(a) jispeċifikaw it-termini li dwarhom ir-Regolatur iqis li s-sid tal-faċilità għandu jidħol fi ftehim mal-applikant għal kull wieħed jew xi wieħed mill-iskopijiet li ġejjin;

(b) jispeċifika s-somom jew il-metodu li jiddetermina l-ammonti li l-Regolatur iqis li għandu jitħallas bħala korrispettiv għal tali dritt,

u jeħtieġu lis-sid, jekk l-applikant iħallas jew jaqbel li jħallas dawn l-ammonti fi żmien perjodu speċifikat għal hekk fl-ordnijiet, li jidħlu fi ftehim miegħu skont it-termini hekk speċifikati.

(10) Sid ta' faċilità ta' ħażna għandu jkun intitolat li jirrifjuta l-aċċess għaliha għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) nuqqas ta' kapaċità;

(b) meta l-aċċess għall-faċilità jipprevjeni l-proprjetarju milli jwettaq xi obbligu ta' servizz pubbliku meħud minnu; jew

(ċ) fil-każ ta' kuntratt *take-or-pay*, fejn is-sid ikollu jbati diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji serji:

Iżda r-rifjut fuq kwalunkwe waħda mir-raġunijiet imsemmija hawn fuq għandu jkun debitament sostanzjat mis-sid:

Iżda wkoll, fil-każ ta' rifjut għal raġunijiet ta' nuqqas ta' kapaċità, is-sid għandu jipprova komprensivament li dak ir-rifjut kien magħmul fuq bażi oġġettiva, trasparenti u fuq bażi mhux diskriminatorja.".

Jissostitwixxi r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Rifjut ta' aċċess.

24. L-intrapriżi tal-gass naturali jistgħu jirrifjutaw l-aċċess għas-sistema abbażi ta' nuqqas ta' kapaċità jew fejn l-aċċess għas-sistema ma jħallihomx iwettqu l-obbligi tas-servizz pubbliku li jkunu ġew assenjati lilhom jew abbażi ta' diffikultajiet gravi ekonomiċi u finanzjarji b'kuntratti *take-or-pay* wara li jkunu kkunsidraw il-kriterji u l-proċeduri stabbiliti fir-regolament 32 u l-alternattiva magħżula mir-Regolatur skont is-subregolament (1) taħt dak is-subregolament. Huma għandhom jagħtu raġunijiet debitament sostanzjati għal tali rifjut.".

Jissostitwixxi r-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Multi amministrattivi.

35. (1) Ir-Regolatur jista' jimponi multa amministrattiva fuq kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew li tonqos milli tikkonforma ma' xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mir-Regolatur biex jiżgura konformità ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Multa amministrattiva imposta taħt is-subregolament (1) ma għandhiex teċċedi mitt elf euro (€100,000) għal kull kontravvenzjoni u, jew sitt mitt euro (€600) għal kull jum ta' nuqqas ta' tħaris, mid-data tal-għoti tad-deċiżjoni tar-Regolatur:

Hekk iżda li, f'każ ta' intrapriżi, inklużi intrapriżi integrati vertikalment jew korp ġuridiku, multa sa' għaxra fil-mija (10%) tal-qligħ annwali konċernat fis-sena kummerċjali preċedenti tista' tiġi imposta ukoll jekk dik il-multa tirriżulta f'ammont li jeċċedi l-limitu previst taħt dan is-subregolament.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

10. Minnufih wara r-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Kap. 490.

36. It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkollu ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi appelli minn deċiżjonijiet tar-Regolatur magħmula taħt dawn ir-regolamenti.".